MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 142/2011

**Jason Muscat**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Paul Muscat b'digriet tas-7 ta' Marzu 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-15 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza
1. Illi Paul muscat, detentur tal-karta tal-identita numru 154169M [izjed il-quddiem a skans ta' ekwivoci jissejjah Paul Muscat (Jnr)], bin il-mejtin Paul Muscat [izjed il-quddiem jissejjah Paul Muscat (Snr)] u Carmen nee' Grima, twieled nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru 1966 gewwa l-Germanja, bhal ma jirrizulta mic-certifikat tat-

twelid tieghu hawn anness u mmarkat bhala dokument ittra "A";

2. Illi r-rikorrent Jason Muscat jigi hu l-imsemmi Paul Muscat (Jnr), kif jirrizulta mic- certifikat tat-twelid tieghu hawn anness u mmarkat bhala dokument ittra "B" u huwa uniku wild iehor ta' Paul Muscat (Snr) u Carmen nee' Grima hawn fuq imsemmija;

3. Illi Paul Muscat (Jnr) kien guvni u ma kellux tfal u ghalhekk ir-rikorrent huwa l-eredi skond il-ligi tal-assenti Paul Muscat (Jnr);

4. Illi nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) l-assenti Paul Muscat (Jnr), dak iz-zmien residenti l-Mosta, flimkien ma' zewg persuni ohra kien qieghed jbahhar fuq speed boat li gherqet bejn Malta u Ghawdex;

5. Illi miz-zewg persuni l-ohra li kienu ma' Paul Muscat fil-mument tal-gharqa, wiehed, certu Jesmond Frendo Cumbo, salva u tela’ l-art mentri l-iehor, certu Kevin Sammut, ghereq u l-katavru tieghu ttella’ mil-bahar mill-maritime squadron tal-forzi armati ta' Malta;

6. Illi minkejja t-tiftix intensiv li sar mill-awtoritajiet koncernati, il-gisem tal-assenti Paul Muscat (Jnr) baqa’ ma nstabx u l-istess Paul Muscat (Jnr) ilu nieqes minn dawn il-gzejjer minn dik id-data sal-lum;

7. Illi inoltre, minn dakinhar sal-lum l-esponenti ma sema l-ebda ahbar dwar l-imsemmi Paul Muscat (Jnr) nonostante li issa ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data tal-incident, u ghalhekk Paul Muscat (Jnr) ghandu jitqies mejjet;

8. . Illi l-esponent jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment;

Ragunijiet Ghat-Talba
1. Illi ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura sabiex l-assenti Paul Muscat (Jnr) jigi dikjarat mejjet u jinghataw il-provvedimenti relattivi dwar il-ftuh tas-successjoni tieghu;

Talbiet
Ghaldaqstant, ighidu l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara li l-assenza tal-intimat Paul Muscat, detentur tal-karta tal-identita numru 154169M minn dawn il-gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta' izjed minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar dwaru, u dan kif kontemplat fl-artikolu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara ghalhekk illi l-intimat Paul Muscat, detentur tal-karta tal-identita numru 154169M huwa prezunt mejjet;

3. Takkorda lir-rikorrent d-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti Paul Muscat, detentur tal-karta tal-identita numru 154169M u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti;

4. Tiddikjara mahlulha l-garanziji u li m'ghadhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li tghid hekk:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta’ Jannar 2012.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula a bazi tat-tieni parti tal-artikolu 223 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex jigi dikjarat li persuna ilha assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi

mid-data tal-ahhar ahbaru u ghalhekk tezisti l-prezunzjoni tal-mewt.

**Fatti**

F’dan il-kaz il-persuna hi Paul Muscat I.D. 154169(M) bin il-mejtin Paul Muscat u Carmen nee Grima li twieled fl-20 ta’ Settembru 1966 fil-Germanja. Gie esebit ic-certifikat ta’ Paul Mifsud a fol. 4 tal-process.

Jirrizulta mir-rikors ghal hatra ta’ kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti illi Paul Muscat kien guvni u ma kellux tfal.

Fl-affidavit li pprezenta Jason Muscat, hu Paul Muscat gie dikjarat li kienu l-unici wlied ta’ Paul Muscat u Carmen nee Grima. Huma kienu jghixu fid-dar tal-genituri fil-Mosta u kien jara lil huh kuljum. L-ahhar darba li rah kien fit-12 ta’ Ottubru 2000 meta gie fil-garage ta’ missierhom jaghmel xi xoghol fuq id-dghajsa tieghu u mbaghad telaq. L-ghada fil-ghodu kien mar il-garage u nduna li d-dghajsa ta’ huh ma kienitx hemm. Haseb li hu ha d-dghajsa ghand tapizzar jaghmel xi xoghol fuqha. Wara nofsinhar xi l-4.00pm missieru qallu li kien inkwetat billi Paul kien hareg fuq il-bahar ma’ shabu bid-dghajsa u kien qam rih qawwi. Kien jaf li hareg fuq il-bahar ghax il-gurnata ta’ qabel sema’ lil ibnu jitkellem ma’ shabu fuq it-telephone. Jason Muscat anki mar f’garage iehor ta’ huh Paul gewwa Hal Balzan biex jara kienx hemm pero kollox kien imsakkar. Mar ikellem habib ta’ Paul li kien joqghod ftit il-fuq mill-garage u staqsih jekk kienx jaf xi haga billi gieli hareg jistad ma’ Paul pero dan il-habib inhasad b’dan il-kliem ghax kien sema’ fuq l-ahbarijiet li dghajsa kienet habtet mal-blat in-naha ta’ fuq ta’ Malta u l-patrol boats kienu jfittxu tnejn minn nies. Qallu wkoll li x’aktarx Paul hareg jistad ma’ habib komuni certu Frendo Cumbo.

Mar id-dar ta’ Frendo Cumbo. Dan kien id-dar ghalkemm imbikkem. Qallu li hu flimkien ma’ Paul Muscat u certu Kevin Sammut hargu jistadu u waqfitilhom il-makna. Sakemm kienu qed jirrimedjaw, giet mewga kbira u gharqet lid-dghajsa. Bdew ighumu flimkien lejn l-art. Hu

nqata’ minn ma’ Kevin u Paul. Wasal fuq l-art x’imkien bejn Popeye Village u Paradise Bay u wara spicca l-isptar. Jason Muscat mar lejn il-post li ndikalu Frendo Cumbo fejn kien hemm ta’ Civil Protection pero ma sabu xejn sakemm dalam apparti li l-bahar kien imqalleb hafna. It-tfittxijiet tkomplew l-ghada u l-15 ta’ Ottubru, anki mill-ajru. Instab il-kadavru ta’ Kevin Sammut pero Paul qatt ma nstab. Missieru kien ipprezenta rikors fl-2005 biex jiggestixxi l-patrimonju ta’ Paul pero missieru marad ftit wara u miet fl-2007. Qatt ma gie degretat ir-rikors ghax missieru ma segwiex id-digriet tal-Qorti.

Jesmond Frendo Cumbo kkonferma li fit-13 ta’ Ottubru 2000 mar ma’ Paul Muscat u Kevin Sammut fuq id-dghajsa ta’ Paul Muscat. Hargu mill-Mistra u ghaddew ghan-naha ta’ wara tal-ahrax. Irrakonta li hin minnhom waqfilhom il-mutur u sakemm kienu qed jaraw x’gara, giet mewga minn wara u ohra segwitha. Spiccaw fil-bahar u ftit wara d-dghajsa gherqet. Kien hemm hin circa siegha li kienu qed izommu ma’ jerrycan tal-petrol iserhu wiehed lil iehor. Hu ddecieda li jipprova jghum lejn l-art. Jikkalkula li kienu boghod mill-art circa d-distanza bejn Ghawdex u Malta. Halla lil Paul u Kevin izommu mal-jerrycan ighumu bil-mod. Wara xi hin ma baqax jarahom.

Zdied ir-rih pero baqa’ jghum sakemm wasal l-art x’imkien lejn Popeye Village. Kien fil-ghaxija ghalkemm l-incident sehh meta kien ghadu d-dawl anzi kien ghadu fil-ghodu.

Xehed ukoll Patrick Murgo, Operation Manager ta’ Civil Protection li kkonferma li ssejhu biex jaghmlu tiftix ghal persuni li sabu ruhhom f’diffikulta meta kienu fl-ibhra Maltin cioe fil-fliegu bejn Malta u Ghawdex. Hu qal illi saru ricerki anki bl-armata biex juzaw mezzi tal-bahar u l-arju fit-tiftiex ghal persuni nieqsa. Ir-ricerki damu ghaddejjin xi ghaxart ijiem izda instab biss kadavru ta’ wiehed mid-dispersi.

## Ligi

L-artikolu 223 jaghti diskrezzjoni lil Qorti li wara li tisma' l-provi tiddeciedi jekk dawn il-provi jwasslux ghal konvinzjoni morali li l-persuna assenti, u li ilha hekk ghal perjodu ta' ghaxar snin kontinwi, hi fil-fatt prezunta mejta.

F'dan il-kaz il-Qorti tqis illi l-provi huma cari bizzejjed illi ma jhallux dubbju ragonevoli f'mohh il-Qorti li Paul Muscat jista' jkun ghadu haj. Il-provi li ngiebu specjalment tal-ghejbien tieghu fil-bahar fit-13 ta' Ottubru 2000 jaghtu lok ghal prezunzjoni logika u ragonevoli li Paul Muscat ghereq kif fil-fatt ghereq siehbu Kevin Sammut li pero instab mic-Civil Protection.

Xhud okulari, cioe Frendo Cumbo li skansa l-gharqa jikkonferma li l-ahhar li ra lil Paul Muscat kien fil-bahar izomm ma' jerrycan flimkien ma' Kevin Sammut, f'distanza ta' circa bejn Malta u Ghawdex, f'kundizzjonijiet ta' rih qawwi u bahar imqalleb li wassal ghall-gharqa tad-dghajsa li kienu fuqha.

Il-Qorti semghet ix-xiehda ta' Patrick Murgo ta' Civil Protection li kkonferma li ma nstab ebda kadavru ta' Paul Muscat.

Hu difficli li l-interessat f'din il-kawza jipprova oltre dak li rnexxielu jipprova cioe l-ghejbien tal-assenti f'cirkostanzi ben dokumentati u ppruvati. Ma giebet ebda prova illi tul dawn il-hdax-il sena u fuqhom Paul Muscat irrizulta li ghadu haj.

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-attur ipprova l-ewwel zewg talbiet tieghu li Paul Muscat hu prezunt mejjet ai termini tal-artikolu 223 tal-Kodici Civili.

Billi ntlaqghu l-ewwel zewg talbiet hu lecitu ghall-attur li jaghmel it-tielet u raba talbiet cioe dawk li jikkoncernaw l-ghoti tal-pussess assolut tal-beni ta' Paul Muscat u t-tnehhija ta' kull garanzija u kawtela. Jigi rilevat minn din il-Qorti illi l-azzjoni kompetenti taht l-artikolu 223 tispetta lill-eredi testamentarji jew l-eredi skond il-ligi.

Il-prova li Jason Muscat hu l-eredi skond il-ligi jew skond testment li seta' ghamel l-istess Paul Muscat tispetta lill-istess Jason Muscat. Il-prova li ngiebet tikkonsisti mix-xhieda guramentata ta' Jason Muscat illi ma kienx hemm ahwa ohra hlief hu u Paul Muscat u illi missierhom miet fl-2005. Dawn il-provi ma gewx kontradetti. Il-Qorti fic-cirkostanzi ma thoss li ghandha tichad lill-attur milli jinghata l-pussess assolut tal-beni ta' Paul Muscat li qed jigi prezunt li miet u dan bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-istess Kapitolu 16 senjatament fl-artikoli 227, 228, 230, u 231.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha attrici kif dedotti cioe

1. Illi Paul Muscat ilu assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar tieghu u dan ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi, inkluz id-dispozizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 223, 234 u 299 tal-Kodici Civili;

2. Takkorda lill-attur id-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti Paul Muscat u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti;

3. Tiddikjara mahlula l-garanzija, u li ma ghadhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------